MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta tal-5 ta' Awwissu, 2003

Appell Kriminali Numru. 12/2003

**Il-Pulizija**

**v.**

**Alfred Zahra**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Alfred Zahra talli fit-30 ta’ Settembru, 2002 ghall-habta tal-5.45 ta’ wara nofs in-nhar, waqt li kien hdejn il-Manhattan Restaurant gewwa Ta’ Xbiex:

(1) kiser il-bon ordni u il-paci pubblika b’ghajjat u glied;

(2) hebb ghall-Robert Davies u kkagunalu griehi ta’ natura hafifa skond kif iccertifika Dr Kevin Zammit MD ta’ l-Isptar San Luqa;

(3) u aktar talli fl-istess gurnata, hin u lok saq vettura Nru GAH-487 ta’ ghamla Ford Escort b’manjiera traskurata, perikoluza u bla kont.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-22 ta’ Jannar, 2003 li permezz taghha dik il-Qorti, fuq ammissjoni, sabet lil imsemmi Alfred Zahra hati skond l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkundannatu ghoxrin gurnata prigunerija;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Alfred Zahra, minnu prezentat fit-28 ta’ Jannar 2003, li permezz tieghu talab ir-riforma ta’ l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

Dan l-appell hu limitat ghall-piena. L-appellant jikkontendi li piena restrittiva tal-liberta` personali kienet eccessiva f’dan il-kaz, tenut kont ukoll tal-fatt li ghadu kif ha self minn bank biex ihallas id-dar, li ghandu tifla tat-twelid u li l-prigunerija tista’ timporta t-telf tal-impieg tieghu.

Din il-Qorti, wara li ezaminat l-atti kollha u qieset ic-cirkostanzi tal-kaz, ma tarax li ghandha b’xi mod tiddisturba l-piena erogata mill-ewwel qorti. L-aggressjoni gratuwita ta’ l-appellant fuq persuna anzjana (apparti li kien ser itajjarha bil-mod kif kien qed isuq) timmerita piena restrittiva tal-liberta` personali. Apparti dan, il-fedina penali ta’ l-appellant turi karattru refrattarju, u dan certament ma jghinx biex b’xi mod ikun hemm temperament fil-piena.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------